# Lejla mużikali mat-tenur Malti Nico Darmanin

## Siltiet ta' mużika klassika fil-Kavallier ta' San Ġakbu fid-29 ta' April

Lejla ta' mużika klassika mat-tenur Malti Nico Darmanin se ssir nhar il-Ġimgħa 29 ta' April fis-7.30pm fil-Music Room tal-Kavallier ta' San Ġakbu fil-Belt Valletta.

Din is-serata għandha l-appoġġ tal-Palazzo Prince D'Orange fil-Belt Valletta, u hi organizzata mill-Gran Kommanderija tal-Kastell (GCC), ibbażata fil-Mensija, San Ġwann, li hi ġurisdizzjoni tal-Ordni Militari u Ospitalliera ta' San Lazzru ta' Ġerusalemm.

Id-dħul kollu se jmur għand organizzazzjonijiet li jgħinu lil-lebbrużi fl-Indja.

Nico Darmanin, li se jkun akkumpanjat mill-pjanist Taljan Leonardo Barilaro, se jkanta siltiet romantiċi ta' Bellini, Donizetti, Gounod, Mozart, Rossini, Tosti u Verdi.

Isem Nico Darmanin qed isir aktar magħruf l-aktar għal siltiet ta' Rossini u għal repertorji tal-hekk imsejjaħ *Bel Canto*, fejn diġà ddebutta fir-Royal Opera House, Covent Garden. Dan l-aħħar, hu kellu partijiet importanti bħal Almaviva, *Il Barbiere di Siviglia* (Opera Holland Park); Ramiro, *La Cenerentola* (Scottish Opera); Ottavio, *Don Giovanni* (Vlaamse Opera); and Belfiore, *Il viaggio a Reims* fir-Rossini Opera Festival f'Pesaro.


It-tenur Malti Nico Darmanin


Il-pjanist Taljan Leonardo Barilaro

Il-pjanist Leonardo Barilaro ggradwa mill-Konservatorju ta' Padova. Iggradwa wkoll b'dottorat fix-Xjenzi, Teknoloġiji u Kejl għall-Ispazju (STMS) mill-Università ta' Padova. L-aktar proġett mill-aktar importanti tiegħu f'dawn l-aħħar snin kien il-'Pas de Deux dance & piano duo'. Barilaro ta wirjiet fl-Italja, il-Ġermanja, l-Ingilterra, l-Iżvezja u l-Olanda, fost oħrajn.

Il-fond tal-karità tal-GCC jassisti organizzazzjonijiet speċifiċi lil-lebbrużi fl-Indja u fl-Etjopja. Organizzazzjoni waħda minn dawn hi Women in Need.

Aktar tagħrif dwar din il-karità jista' jinkiseb mis-sit elettroniku http://grandcommanderymalta.org/charity-work.

Il-kunċert hu appoġġjat minn Palazzo Prince d'Orange (www.palazzoprincemalta.com) li hu *boutique hotel* fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta.

Dan il-Palazz, mibni fis-seklu 17 u li r-restawr tiegħu rebaħ anki unuri, kien wieħed mill-postijiet li ntużaw hawn Malta għall-produzzjoni ċinematografika 'Munich' fl-2005 tad-direttur Steven Spielberg, b'ċelebritajiet bħal Daniel Craig u Eric Bana.

Is-serata tibda fis-7.30pm, bi *pre-concert drink*, filwaqt li l-kunċert ta' 40 minuta jibda fit-8pm. Wara jkun hemm anki riċeviment.

Biex jirriserva post, wieħed jista' jagħti minimu ta' €25 lill-fond tal-karità, flimkien mal-isem, *email* u numru tal-mowbajl.

Iċ-ċekk, miktub lil: 'Grand Commandery of the Castello', għandu jasal għand Confrere Alex Azzopardi, 50, Doulton Court Numru 5, Triq Dun Francesco Sciberras, Mellieħa MLĦ 2027 sat-Tlieta 26 ta' April.

Aktar tagħrif dwar l-attività jista' jinkiseb permezz tan-numru 99841440.